# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53/8

**It-Tlieta 3 ta' Awwissu 2021**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera
Justin Attard – LBV Ltd (Kuntrattur)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

053.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

053.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (52 [06/7/2021])

053.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

053.4 Post Vakant għall-Uffiċjal Ezekuttiv *Full time* (Skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

053.5 Kappella Santa Katerina u Kappella ta` Loretu;

053.6 Servizz tal-Knis fil-Lokalita tal-Gudja;

053.7 Id-Dawl ta` Gnien Raymond Caruana;

053.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

053.9 Rapporti;

053.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina`- progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

053.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

053.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta` filgħaxija (6:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 053.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 053.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (52 [06/7/2021]

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 52/8 nem con.

**053.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

052.3.1 Is-Sindku talbet sabiex il-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol ta` pavimentar ta` Triq Santa Katerina biex jintervjeni u jispjega kif ser jinghata bidu ghax-xoghlijiet. Is-Sur Attard nforma lill-Kunsill li huwa kien bghat progamme of works fejn ser jinghata bidu ghax-xoghlijiet lejn l-ahhar ta` Awwissu (26 ta` Awwissu) u mistenni jitlesta sal-bidu ta` Dicembru 2021. Is-Sur Attard zied jghid l-permessi mehtiega ngiebu kollha u li ser jibda jgib xi hoarding u ser isiru xi marki u xi laqghat ohra mall-perit sabiex jara li jigi kollox konkluz biex jinbdew ix-xoghlijiet. Is-Sur Attard spjega wkoll li toroq ser jinghqalu parti parti Is-Sindku qalet li huwa ferm important li xoghlijiet jinbdew skond il-programme of works u ma jkunx hemm aktar dewmien. Dwar l-gholi tal-bankini, il-kuntrattur qal li dawn ser isiru skond kif titlob il-ligi.

Il-Kunsillier MA Sammut staqsa jekk jinqaghlu xi hsarat max-xoghlijiet, min ser jaghmel tajjeb ghall-spejjez. Is-Sindku qalet li skond il-ftehim li giet ffirmat mall-IM, huma IM li ser jaghmlu tajjeb ghal dawn l-ispejjez. Is-Sur Attard qal li l-Enemalta ser taghti cable gdid biex jitghadda flok dak li hemm. Kull intervent ser isir qabel ma jitlesta l-progett kollu. Giet diskussa l-problema ta` s-sigar li hemm f`dawn i-toroq fejn il-perit ghandu jigwida lill-Kunsill jekk dawn humiex ser jaghmlu hsara lill-paviment u tinghata gwida lill-kuntrattur ta` x` l-ahjar li jsir. Il-Kunsillier S Caruana qal li huma ma jaqbilx li dawn is-sigar jinqghalu.

Fis 18:12hr Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

052.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li bi qbil mall-Kunsilliera M Micallef, id-dekasteru tal-ambjent ser ikun qed jaqa` taht ir-responsabilita taghha wkoll flimkien mall-Vici-Sindku. Dr. Vella talbet sabiex jinghataw id-dettalji tal-kuntratturi lis-Sinjura Micallef.

052.3.3 Is-Sindku qrat ir-rapport tax-xoghlijiet li gie mhejji mill-Contracts Manager tal-Kunsill.

Fis-18:45hr Il-Kunsillier MA Sammut inghaqad fil-laqgha.

052.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien tkellem mall-kuntrattur tad-dawl ta` toroq dwar l-installazzjoni ta` arblu ta` dawl jahdem bil-paneli fi Gnien iz-Zghazagh. Gie ssugerriet li l-ahjar li jsir huwa arblu ta` dawl ghax huwa aktar efficjenti u inqas spejjez. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

052.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li ghad iridu jsiru fil-bankina ta` dwara tal-Gnien R.Caruana, fejn skond il-perit ta` IM dan ix-xoghol kien ser jinbeda lejn l-ahhar ta` Awwissu u ser isir stencil concrete. Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk dan il-materjal jizloqx. Is-Sindku talbet biex il-Kunsill jistaqsi dwar dan mall-perit. Il-Kunsill qabel li jsir stencil concrete.

Fis-19:05hr Il-Kunsillier M Micallef talbet biex tigi skuzata.

052.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba li kien hemm dwar un/loading bay fejn il-gabbana li hemm fi Gnien R.Caruana. Din kienet saret talba ma` TM u ma kinitx giet approvata minn naha taghhom. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitkellem mas-sid il-gabbana u terga` ssir applikazzjoni.

052.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kellha laqgha mall-ufficjali tal-LESA sabiex jkunu prezenti specjalment fl-ewwel ftit gimghat li Triq il-Kbira ser isir one way u dan sabiex jkunu ta` gwida ghal min jaghmel uzu minn din it-triq. Is-Sindku talbet wkoll sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt ma` TM sabiex jekk huwa possibli jintbghatu l-enforcement officers. Il-Vici-Sindku JM Calleja qal li huwa dejjem kien kontra li din it-triq tigi one way. Il-Kunsllier MA Sammut qal li wara laqgha pubblika, kienu resident li porponew li l-one way tigi b`dan il-mod. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ittra lir-residenti ta` Triq il-Kbira u t-toroq tal-madwar kienet tqasmet. Il-Kunsillier MA Sammut qal li problema li ser qed ikun hemm hija meta l-vetturi jitghilu minn fejn is-salib u jigu fi Triq San Mark, fejn qed tinholoq kongestjoni u xi hadd irid jcedi. Problema ohra hija minn diehel minn Triq iz-Zebbuga ghal Triq San Mark. Is-Sur Sammut qal li iridu naraw kif ser mmorru matul l-ewwel gimgha. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill ghandu jghid lill-ufficjali ta` TM jaghmlu moniteragg ta` sitwazzjoni.

052.3.8 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Applikazzjoni tal-European Mobility Week fejn iproponiet li l-Kunsill ghandu japplika ghall-din l-inizjattiva u fondi bi progett ta` pavimentar ma` dawra kollha tal-pjazza bil-possibilita li jsiru zoni pedonali u tisbih tal-pjazza tal-lokal. Is-Sindku ziedet tghid li fil-jiem li ġejjin ser jintbghatu l-artistic impression ta` dan il-progett flimkien mal-applikazzjoni lill-membri tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu japplika ghal dan il-progett.

052.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghal xi ilmenti li kien hemm dwar vetturi li qed jithallew ipparkjati quddiem il-bollard li saret fi Triq San Mark. Il-Kunsill qabel li jsiru sinjali quddiem il-bollard li jindikaw li ma jisghtux jithallew vetturi pparkjati.

052.3.10 Is-Sindku ghamlet refernza ghall-progett tal-Erasmus + li ser isir bejn il-21 u 27 ta` Settembru gewwa Thessaloniki fil-Grecja. Ghal dan il-progett iridu jattendu zewg partecipanti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tohrog sejha ta` interess ghal dawk il-persuni mill-Gudja li jahdmu f`dan is-settur.

Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

052.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm talba sabiex isir progett mill-kordinatur ta` Skola Sajf, fejn qed jigi propost li jithawwlu xi pjanti fil-lokal mit-tfal li jattendu skola sajf. Dwar dan kien qbil minn dawk prezenti li l-Kunsill jghin u jheggeg li ssir din l-inizjattiva.

052.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba li waslet ghand il-Kunsill sabiex tigi nstallata tabella fi Sqaq fi Triq Santa Katerina, fejn tindika li wiehed jista` jipparkja l-vettura tieghu ghal certu hin biss. Il-Kunsill qabel li ssir din it-tabella u tindika li wiehed jista` jdum mhux aktar minn hmistax il-minuta.

052.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun dwar il-Kunsill x`siti jixtieq li jigu solverjati mill-Ufficjali tal-LESA. Il-Kunsill propona Gnien il-Qari, wara l-Ground tal-Football, fejn il-gibjun fi Triq Burglat, fil-HE tal-Mithna u fis-soft areas.

**053.4 Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv *Full time* (Skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

053.4.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar l-intervisti li saru lill-kanditati elegibbli ghall-post vakant ta` Ufficjal Ezekuttiv. Is-Sindku qalet li ghall-ewwel intervista li saret b`mod virtwali attendew tlett kanditati.

Ghat-tieni intervista li saru fl-ufficcju tal-Kunsill attendew zewg kanditati peress li kanditat minnhom irifjuta li jattendi minhabba li kien sab impjieg iehor. Is-Sindku ziedet tghid li miz-zewg kanditati li attendew ghat-tieni intervista, kien hemm kanditat li ma kellux il-kwalifiki mehtiega (2 A levels) avolja kellu livell gholi ta` degree, fejn dan gie kkonfermat wara li l-istess Kunsill iccekja mall-Jobsplus. Is-Sindku kompliet billi qalet li wara li diskutiet mas-Segretarju Ezekuttiv li kienet prezenti waqt iz-zewg intervisti, proponiet li is-Sinjorina Aliseia Camilleri hija l-kanditata idejali ghal dan il-impjieg peress li ghandha kemm kwalifici u gharfien tax-xoghol. Dawk prezenti qabblu ma` din ir-rakkomandazzjoni.

**053.5** **Il-Kappella Santa Katerina u Kapella ta` Loretu**

053.5.1 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghax-xoghlijiet li jridu jsiru quddiem il-Kapella ta` Santa Katerina, fejn minn naha tal-MCAST qed jigi propost li jsir dawl mill-art u kif ukoll titbaxxa l-bankina ta` quddiem din il-kapella. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill ghandu xi pjanti li kien ghamel snin ilu meta kien ser jaghmel progett relatat ma` fanali f`dik il-parti ta` triq u talab sabiex dawn il-pjanti jitghaddew lill-MCAST. Is-Sindku qalet li jekk hemm xi student mill-MCAST li lesti jaghmel dan ix-xoghol, ghandna nahdmu bihom. Dwar il-progett tal-quddiem il-Kapella ta` Loretu, is-Sindku qalet li minn naha tal-Ministeru qeghdin jistennew l-approvazzjoni mill-SCH. Il-Kunsillier S Caruana staqsa ghafejn hemm bzonn l-approvazzjoni minn SCH meta dan kien ser isir bit-tarmak u issa ser isir bil-pavimentar.

**053.6** **Servizz tal-Knis fil-Lokalita tal-Gudja**

053.6.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kellha laqgha mall-kuntrattur tal-knis fejn gew diskussi d-diversi nuqqasijiet li qeghdin isiru minn naha tieghu u li qed jirifletti b`mod hazin fis-servizz li qed jinghata. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill nforma lil kuntrattur li jekk mhux ser jara kambjament ghall-ahjar ser ikollhom jittiehdu passi urterjuri.

**053.7** **Id-Dawl tal-Gnien Raymond Caruana**

053.7.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienu twahhli diversi rifletturi ohra biex idawwlu l-parti tal-gnien fejn hemm l-bandli. Is-Sindku ziedet tghid li l-Enemalta kienet installat id-demarcation box ma` fejn irid

jitqabbad il-cable. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-cable ser jghaddieh il-kuntrattur tal-Kunsill repsonsabbli mid-dawl wara li jkunu saru xi xoghlijiet pendent minn naha tal-kuntrattur sabiex il-gnien jinxtghel.

053.8 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

053.8.1 Il-Vici Sindku ghamel referenza ghat-talba li kienet saret minnu sabiex jigu nstallati road humps fil-bidu ta` Triq V.Pasmore u fi Triq Dun Pietru Farrugia. Dwar dan kien hemm qbil.

053.8.2 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-kolletturi tal-skart sabiex tingibed l-attenzjoni li dan mhux dejjem qed isir sew.

053.8.3 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghax-xoghlijiet ta` asphalt li sar fejn Gnien il-Qari fejn l-kuntrattur baqa` diehel bl-asphalt `il gewwa mir-residenza u nholqot problema fejn ser jibda jzomm l-ilma. Is-Sur Caruana talab sabiex il-Kunsill ikollu l-permessi tal-SCH. Is-Sindku qalet li kuntrattur ghamel l-asphalt sakemm kien hemm permess li jsir.

**Rapporti**

053.9 Ma kienx hemm.

**Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

053.10

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

   **Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha mall-perit tal-IM flimkien mall-Parrocca u l-Kazin La Stella sabiex jigi diskuss l-progett ta` pavimentar ta` Triq iz-Zebbuga u l-possibilita li jinghaddew is-servizzi taht l-art.**

b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

053.11 Il-lista ta' pagamenti nru 27/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €20,903.47 u ġiet approvata nem con.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

053.12 Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar l-Erbgha 1 ta` Settemnru 2021 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum It - Tlieta 28 ta' Settembru 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv